MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 771/2004

**Isabelle Mifsud**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija w erbgha u tmenin lira Maltin (Lm184) rapprezentanti danni minnha sofferti minhabba ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Gunju, 2003 fi Triq Gusmano Navarra, Rabat waqt li l-attrici kienet ipparkjata bil-vettura tal-marka Volkswagen Golf numru BRN 079 intlaqtet mill-vettura misjuqa mill-konvenut tal-marka Mercedes Benz ABE 032.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m'huwiex responsabbli ghad-

danni allegatament sofferti mill-attrici in vista tal-fatt li ma sehhet l-ebda kollizjoni bejniethom.

Sema' x-xhieda ta' Isabelle Mifsud, Brandon Mifsud, Joseph Camilleri u John Vella.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien ipparkjat fi Triq Gusmano Navarra, Rabat u sussegwentement l-attrici pparkjat fil-bokka ta' l-istess triq.

Meta l-konvenut ried johrog minn din it-triq, biex jaghmel hekk kellu jirriversja ghal fuq it-triq principali izda l-passagg kien imblokkat minhabba l-vettura pparkjata ta' l-attrici.

Illi ghalhekk il-konvenut talab li persuna ohra, cjoe' John Vella jigi jaralu biex ikun jista' jirriversja liberament ghal fuq it-triq principali.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi waqt li qed issir din il-manuvra, n-nies li kienu fil-vicinanzi hargu mill-bar u bdew jghajtu lill-konvenut biex jieqaf ghax kien laqat il-vettura pparkjata ta' l-attrici. Dak il-hin qam ftit kaos izda jirrizulta illi ftit wara s-sitwazzjoni kkalmat u l-konvenut saq 'l hemm u telaq. L-attrici mbaghad ghamlet rapport mal-pulizija dwar dak li gara.
L-attrici ssostni illi l-vettura taghha ntlaqtet mill-karozza tal-konvenut. Hija ma kienetx prezenti izda kien hemm prezenti Brandon Mifsud. Ghalkemm ma rax iz-zewg vetturi jahbtu, u ma kellu l-ebda dubju illi d-daqqa li kellha l-karozza ta' l-attrici giet b'rizultat ta' habta da parti tal-vettura tal-konvenut. Dak il-hin ta' l-incident huma wrewh id-daqqa ossija t-taghtina li kellha fiha l-karozza ta' l-attrici u jidher li dak il-hin stess il-konvenut anki ammetta li forsi seta' laqat il-karozza taghha bir-rota tieghu. Di fatti, meta l-pulizija baghtu ghall-konvenut biex jaghti l-verzjoni tieghu huwa qal "izda jista' jkun li lqatta' bir-rota ...........".

Meta l-konvenut tela' jixhed quddiem dan it-Tribunal, huwa ma kien xejn lucidu fix-xhieda tieghu. Mistoqsi mit-Tribunal biex iwiegeb ghad-domandi specifici, u bhal per ezempju jekk huwa effettivament rax li l-vettura ta' l-attrici kienx fiha daqqa, huwa wera riluttanza kbira biex wiegeb din id-domanda. Ix-xhieda tieghu fil-pedana ma tantx dehret attendibbli.

Il-konvenut, biex igib prova li effettivament huwa ma laqatx il-vettura ta' l-attrici, tella' bhala xhud lil John Vella izda t-Tribunal jinnota illi dan ix-xhud ikkonferma li fil-vettura ta' l-attrici kien hemm id-daqqa li dwarha bdew jilmentaw in-nies li hargu meta waqfu lill-konvenut milli jkompli jirriversja. Huwa m'eskludiex il-possibilta' li din il-vettura setghet intlaqtet mill-konvenut ghalkemm huwa afferma li huwa ma rax il-kollizjoni ssir.

F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal, li kellu l-opportunita' li jisma' x-xhieda kollha viva voce, m'ghandux dubju illi effettivament il-vettura ta' l-attrici ntlaqtet mill-konvenut waqt li huwa kien qed jirriversja fi spazju ferm ristrett. Jekk il-konvenut hass li ma setax jghaddi, huwa kellu rimedju iehor permissibbli ghalih skond il-ligi billi jcempel lill-pulizija biex il-vettura li qed timblokkalu t-triq tigi ttowjata. Minflok huwa ghamel ta' rasu u ha riskju u pprova jghaddi. Ir-rizultat kien illi bir-riskju li ha, laqat il-vettura ta' l-attrici. Kien ikun ferm aktar ghaqli u prudenti kieku stenna ftit minflok ha r-riskju.

Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandu ebda dubju biex jikkonkludi illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'responsabbilta' unika ghall-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni, l-konvenut ipprova jikkontesta wkoll il-*quantum* tad-danni izda f'dan ir-rigward, id-danni jirrizultaw pruvati sa l-ammont ta' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm154.05c) kif jidher mid-dokumenti a fol 16 u 17 tal-process.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort

tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici s-somma ta’ mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm154.05c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------